

EMENDA GĦALL-MANWAL TAT-TRANŻITU - MERKANZIJA TTRASPORTATA PERMEZZ TA' INSTALLAZZJONI FISSA TAT-TRASPORT

Għandha tiddaħħal it-Taqsima l-ġdida li ġejja “VI.3.11 Merkanzija ttrasportata permezz ta' installazzjoni fissa tat-trasport”

Parti VI – Simplifikazzjonijiet

VI.3 Deskrizzjoni tas-simplifikazzjonijiet

VI.3.11 Merkanzija ttrasportata permezz ta' installazzjoni fissa tat-trasport

VI.3.11.1 Merkanzija ttrasportata permezz ta' installazzjoni fissa tat-trasport

*L-Artikolu 321 KDU IA
L-Artikolu 53,
Appendiċi I, CTC*

Din is-simplifikazzjoni tapplika għall-merkanzija ttrasportata permezz ta' installazzjoni fissa tat-trasport u mhijiex soġġetta għal awtorizzazzjoni. Il-merkanzija ttrasportata permezz ta' installazzjoni fissa tat-trasport għandha titqies li tqiegħdet taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni / il-proċedura komuni meta tidħol fit-territorju doganali jew meta titqiegħed fl-installazzjoni fissa tat-trasport f' dak it-territorju.

Il-proċedura ta' tranżitu għandha titqies li tkun intemmet meta:

- (a) issir l-annotazzjoni xierqa fir-rekords kummerċjali tal-konsenjatarju, jew
- (b) l-operatur tal-installazzjoni fissa tat-trasport ikun iċċertifika li l-merkanzija ttrasportata permezz ta' installazzjoni fissa tat-trasport:
 - (i) tkun waslet fl-impjant tal-konsenjatarju;
 - (ii) tiġi aċċettata fin-network tad-distribuzzjoni tad-destinatarju; jew
 - (iii) tkun telqet mit-territorju doganali tal-Unjoni jew minn pajjiż ta' tranżitu komuni.

Id-detentur tal-proċedura ta' tranżitu huwa l-operatur tal-installazzjoni fissa tat-trasport stabbilit fl-Istat Membru jew fil-pajjiż ta' tranżitu komuni li minnu l-merkanzija tidħol fit-territorju doganali jew li fih jibda l-moviment. L-operatur tal-installazzjoni fissa tat-trasport jissodisfa wkoll ir-rwol tat-trasportatur.

Id-detentur tal-proċedura u l-awtorità doganali għandhom jaqblu dwar il-metodi ta' superviżjoni doganali fuq il-merkanzija ttrasportata.

*L-Artikolu 79 KDU
L-Artikolu 113,
Appendiċi I, CTC*

Fil-każ li l-moviment jinvolvi aktar minn operatur wieħed ta' installazzjoni fissa tat-trasport, l-operaturi kollha jistgħu jkunu responsabbli. Madankollu, l-ewwel operatur biss jibqa' d-detentur

tal-proċedura.

Il-volumi ta' merkanzija li jidħlu u joħorġu permezz ta' installazzjonijiet fissi tat-trasport jitkejlu u jiġu kkontrollati fil-livell tal-pajjiż. Meta l-merkanzija tiġi ttrasportata minn pajjiż għal ieħor, l-awtoritajiet doganali għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-volumi fi tranżitu, T1 u T2, u, jekk ikun meħtieġ, flimkien mal-volumi f'ċirkolazzjoni libera.

Ċentri ta' kummerċ virtwali (fl-UE)

Punt ta' kummerċ virtwali (VTP) huwa ċentru mhux fiżiku għall-kummerċ fis-swieq tal-gass naturali. Dan jirrappreżenta l-punti kollha ta' dħul u f'ruġ f'dak il-qasam tas-suq. VTP jista' jippreżenta dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għal merkanzija maħżuna fiżikament fi Stat Membru differenti minn dak fejn tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni; madankollu, din il-faċilitazzjoni tista' ssir biss taħt żdoganar ċentralizzat u hija meħtieġa awtorizzazzjoni ta' żdoganar ċentralizzat. Dan ifisser li r-rilaxx tal-merkanzija jeħtieġ skambju minn qabel ta' informazzjoni bejn l-uffiċċju doganali fejn tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera (l-awtorità doganali li timmonitorja l-VTP fir-rigward ta' ċerti kunsinni) u l-uffiċċju doganali fejn tkun ġiet ippreżentata l-merkanzija (l-uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn tkun ġiet lokalizzata/distribwita l-merkanzija).

*L-Artikolu 54,
Appendiċi I, CTC*

Il-pajjiżi ta' tranżitu komuni li ġejjin iddeċidew li ma japplikawx din il-proċedura u kkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom lill-Kummissjoni: l-Iżvizzera, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja u s-Serbja.